MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1626/2001/1

**Ivan Portelli**

**-vs-**

**Prim Ministru Dr. Edward Fenech Adami, u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-9 ta' Ottubru 2001 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Peress illi l-attur kien membru fil-Korp tal-Pulizija, fejn huwa kien jokkupa l-grad ta' spettur liema mpjieg ġie terminat lill-attur mill-konvenuti u dana permezz ta' avviż maħruġ mill-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' ittra li ġiet ikkonsenjata lill-attur, datata 3 ta' Mejju 2001;

Peress illi l-attur qatt ma ngħata raġunijiet mill-konvenuti ta' x'wassal għat-terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu, u konsegwentement lanqas qatt ma ngħata opportunita' li jwieġeb għal xi allegazzjonijiet / akkużi li kien hemm fil-konfront tiegħu, jekk dawn kienu jeżistu;

Peress illi minkejja li l-konvenuti fl-avviż tagħhom hawn fuq imsemmi għamlu referenza għall-artikolu 11(iii) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess dispożizzjoni tal-liġi ma ġietx imħarsa mill-konvenuti *stante* li fl-ewwel lok jidher li ġiet skartata d-dispożizzjoni ta' l-artikolu 11(ii) ta' l-istess kapitolu li tassattivament għandha tittieħed in konsiderazzjoni meta jiġi applikat l-artikolu 11(iii) tal-kap 164 tal-Liġijiet ta' Malta u fit-tieni lok jidher li l-konvenuti ma osservawx dak stipulat bħala proċedura li għandha tintuża għat-tneħħija mill-kariga ta' uffiċjal hekk kif stipulat fl-artikolu 35 ta' l-Avviż Legali 186 ta' l-1999 dwar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċeduri ta' Dixxiplina).

Peress illi permezz ta' dan l-għemil amministrattiv il-konvenuti kisru l-Kostituzzjoni u kif ukoll naqsu li josservaw l-prinċipji tal-ġustizza naturali u ħtigijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv in kwistjoni.

Peress illi l-għemil amministrattiv imwettaq mill-konvenuti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' tal-konvenuti billi l-istess għemil sar għal għanijiet mhux xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti.

Peress li bħala konsegwenza ta' dan l-aġir l-attur sofra danni konsistenti f'telf ta' qliegħ u danni oħra kif jiġi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża.

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara null, invalidu u mingħajr effett l-għemil tal-konvenuti u dana meta l-istess neħħew lill-konvenut [*recte*: attur] minn membru tal-Korp tal-Pulizija permezz ta'

avviż datat 3 ta' Mejju 2001 u dana *ai termini* ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna illi konsegwentement, il-konvenut [*recte*: attur] jerġa' jiġi ordnat lura bħala membru tal-Korp tal-Pulizija u dana fl-istess grad u kapacita' minnu okkupata qabel it-3 ta' Mejju 2001.

3. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni kawżati lill-attur minħabba l-aġir tagħhom illegali fuq premess, liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat.

Bl-ispejjeż u b'hekk minn issa l-konvenuti jibqgħu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ippreżentata fl-4 ta' Dicembru 2001, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni ta' l-attur hija inammissibbli u improponibbli in kwantu hija bażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12.

Illi l-istess artikolu fit-tieni sub-inċiż tiegħu, fid-definizzjoni li jagħti ta' x'inhu *"għemil amministrattiv"*, jipprovdi tassattivament li ma *"jinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'"*. Illi r-relazzjoni ta' impjieg ta' uffiċjal pubbliku mal-Gvern hija kwistjoni ta' amministrazzjoni nterna.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti l-artikolu 469A tal-Kap. 12 jipprovdi *inter alia* fis-sub-artikolu (6) li għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra (enfasi miżjuda), servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih.

Li jfisser li l-istess dispożizzjonijiet preċedenti għas-sub-artikolu (6) ta' l-artikolu 469A m'humiex applikabbli fir-

relazzjoni ta’ mpjieg bejn il-Gvern u l-impjegati tiegħu għaliex hemm liġijiet oħra li jirregolaw tali relazzjoni.

*3.* Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, skond l-artikolu 110 tal-kostituzzjoni t-terminazzjoni ta’ mpjiegi fis-servizz pubbliku hi fdata f’idejn l-eċċipjent Onor Primi Ministru li, iżda, jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif ġara f’dan il-każ. Pero’ l-artikolu 115 ta’ l-istess Kostituzzjoni jipprovdi li l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni *“m’għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti”.*

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti l-attur qed jagħti interpretazzjoni skorretta lill-artikolu 11 tal-Kap. 164 in kwantu s-sub-artikolu (iii) huwa indipendenti u *a se stante* mill-artikolu li jippreċedih. Huwa inkonċepibbli li l-Gvern ma jkollux diskrezzjoni jneħħi uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija fl-interess pubbliku jekk mhux il-każ, skond it-teżi ta’ l-attur, li dan l-uffiċjal ikun mentalment jew fiżikament marid.

5. Illi *inoltre* l-artikolu (*recte* regolament) 35 ta’ l-Avviż Legali 186/1999 mhux applikabbli fil-każ ta’ l-attur billi l-Kap 164 huwa liġi speċjali applikabbli b’mod speċifiku għall-uffiċjali tal-pulizija u għalhekk treġi l-massima *lex specialis derogat generalis. Di piu*, fil-ġerarkija tal-liġijiet, ordinanza hija superjuri għal-leġislazzjoni sussidjarja.

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti la kisru l-Kostituzzjoni u lanqas naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali billi fit-tkeċċija ta’ l-attur mill-impjieg tiegħu huma aġixxew skond il-liġi u fl-interess pubbliku. L-attur huwa konsapevoli għaliex tkeċċa mill-impjieg tiegħu. Għalhekk l-eċċipjenti m’abbużaw bl-ebda mod mis-setgħa tagħhom u aġixxew skond id-dritt.

7. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, kontra dak li hemm dispost fl-artikolu 156(4) tal-Kap 12, l-attur naqas li jiddikjara dwar kull xhud x’fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xhieda tagħhom.

8. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tordna li l-attur jerġa' jiġi ri-integrat fil-kariga li kellu qabel, la taħt l-artikolu 469A, li kif suċċepit m'għandux applikazzjoni fil-fattispeċi ta' din il-kawża, u lanqas taħt xi liġi oħra. Il-Qorti ma tistax tagħti rimedju li mhux provdut fil-liġi għaliex la għandha funzjoni ta' aġenzija ta' l-impjieg u lanqas tista', in osservanza tal-prinċipju kostituzzjonali tas-separazzjoni tal-poteri, tużurpa l-funzjoni ta' l-eżekuttiv u tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, kif qed tiġi mistiedna tagħmel mill-attur.

9. Illi l-eċċipjenti ma kkawżaw l-ebda dannu lill-attur u t-talbiet kollha tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza mogħtija fit-30 ta' Jannar 2004 li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-affidavits u semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, kompriżi d-diversi digrieti li tat;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2009 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza wara illi semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi qabel il-Qorti ma tidħol fil-kwistjonijiet legali li jirrigwardjaw din il-kawża tajjeb li tirriassumi l-fatti li taw lok għaliha.

**L-attur** fl-affidavit tiegħu (fol 71) qal li daħal fil-korp tal-pulizija fl-1986 u sar surġent fl-1992; gradwa fil-kriminoloġija fl-1999; fl-1997 kien applika għal grad ta' spettur u ma ġiex magħżul, skond hu għaliex l-allura Kummissarju Grech ma kienx iġibu u fil-fatt saru Spetturi nies inqas kwalfikati minnu Reġa' applika sentejn wara u din id-darba ġie magħżul. F'Settembru 2000 kien miftiehem ma' ċertu Ray Agius li kien *informant* tal-Pulizija biex jiltaqgħu fuq il-jott ta' dan ta' l-aħħar biex jgħaddilu xi nformazzjoni. Ġurnata qabel l-appuntament ġie nkarigat biex flimkien ma  uffiċjali oħra jagħmel tfittixija fid-dar ta' ċertu Jackie Farrugia u fil-fatt kienu ħadu xi dokumenti mir-residenza tiegħu. Meta mar fuq il-jott b'sorpriża għalih sab persuni oħra, fosthom lill-istess Farrugia.  Marru bil-jott Għawdex u ġew lura. L-għada bagħat għalih il-Kummissarju Grech li akkużah li kien fuq jott ma' ċertu Ronnie Agius iżda l-attur qallu li ma kienx veru għaliex il-jott kien ta' Ray Agius. Lil Ronnie Agius lanqas biss kien jafu. Madankollu kien ġie trasferit għad-distrett tal-Ħamrun. Din ħadha bħala vendikazzjoni iżda baqa' jagħmel dmiru. F'Jannar 2001 kien ġie avżat imur id-Depot fejn (dak iż-żmien) l-Assistent Kummissarju John Rizzo qallu li l-Kummissarju riedu jirriżenja. Fit-3 ta' Mejju 2001 irċieva ittra li permezz tagħha sab li kien tkeċċa mill-korp. Qatt ma ġie informat b'xhiex kien akkużat u lanqas qatt ma kellu proċeduri li kien jaf bihom (li wasslu għat-tkeċċija). L-ittra in kwistjoni kienet tgħid illi l-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kien qed jitterminalu l-ħatra tiegħu fil-korp tal-Pulizija *ai termini* ta' l-artikolu 11 (iii) ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija.

Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2004 xehed **Paul Sammut**, Segretarju tal-*Public Service Commission* illi ikkonferma li oġġezzjona li jixhed a bażi tal-Kostituzzjoni. Xehed ukoll is-**Supretendent Ronald Kelly** li qal li skond l-informazzjoni li kellu, fil-5 ta' Marzu 2001 il-Kummissarju (dak iż-żmien George Grech) talab lill-Prim Ministru biex fl-interess pubbliku jittermina l-impjieg ta' l-attur skond ir-regolament 11 (3) ta' l-Ordinanza tal-Pulizija; fit-2 ta' Mejju l-Kummissarju ġie nfurmat li l-Prim Ministru qabel mar-rakkomandazzjoni tal-PSC biex l-attur jitneħħa fis-servizz..

Fil-15 ta’ Diċembru 2004 xehed l-ex Kummissarju **George Grech** li qal li kellu nformazzjoni li l-attur kien intbagħat jagħmel tiffixija f’dar u l-għada ntlemaħ fuq *yacht* ta’ persuna li kienet magħrufa bħala kuntrabandist. Qal li meta ikkonfronta lill-attur għall-ewwel ma qallux fejn kien dakinnhar, u meta l-attur qallu li kien mar biex jakkwista xi informazzjoni ma emmnux. Qal li kien gia’ ssuspetta lill-attur fuq xi ħaġa oħra. Irrifjuta li jgħid minn tah l-informazzjoni għaliex qal li kien akkwistaha bħala Kap tas-Servizz Sigriet.

**Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo** (fiż-żmien in kwistjoni kien Assistent Kummissarju) xehed (15 ta’ Diċembru 2004) illi fir-rigward ta’ l-attur kellu nformazzjoni li kien fuq *yacht* ma’ persuni li kienu taħt investigazzjoni. Rega’ xehed fid-29 ta’ Jannar 2007 li kkonferema li lill-attur irriżultalu li rawh fil-preżenza ta’ Raymond Agius li kien ġie investigat mill-attur stess ftit qabel. Qal li kellu nformazzjoni li kienu rawh fuq *yacht* ma’ Agius fi preżenza ta’ persuni oħra.

Fit-2 ta’ Marzu 2005 xehed **Raymond Agius** li qal li l-attur flimkien ma’ numru ta’ pulizija oħra kien għamlu tfittxija fid-dar tiegħu u xi żmien wara kien ċempillu biex iniżżel xi dokumenti ta’ importazzjoni ta’ *air conditioners* u qallu li xtaq ikellmu u ippropona li jiltaqgħu fuq il-*yacht* tiegħu. Ikkonferma li kien hemm xi persuni oħra fosthom Jack Farrugia u marru Għawdex u ġew lura. Qal li lill-ex Kummissarju Grech jafu għax kien jgħaddi kważi kuljumm minn ħdejh għax kien ikun spiss fuq *yacht* oħra. Kontro-eżaminat qal li qatt ma kellu każi l-Qorti. Lanqas fuq it-tfittxija li għamlulu ma sar xejn. Qal li hu jimporta *household goods*. Id-dokumenti tad-dwana li talbuh għaddihom lill-attur.

**L-attur reġa’ xehed** fl-istess seduta u qal li qatt ma kellu xi problemi dixxiplinarji fil-korp u l-inċident li semma’ George Grech kien li huwa kien niżżel karozza minn Milan iżda kollox kien *in order*. Kien kellmu l-Ispettur Calleja fuq il-każ iżda ma jaf li ġara xejn iżjed. Infatti wara dan il-każ kien anke ġie promoss Spettur. Huwa ġie kontro-eżaminat

fit-22 ta' Ġunju 2005 u kkonferma li lil Ray Agius sar jafu dakinhar li fittxewlu d-dar u dan kien wegħdu li se jgħinhom kif seta'. Qal illi George Grech kien waħħal fih għal xi artikoli li dehru fil-gazzetti fl-1995, u minħabba f'hekk tah *transfer*.

**L-Ispettur Martin Sammut** ikkonferma li kien ma' l-attur meta saret it-tfittxija fid-dar ta' Agius. **Dr Godwin Muscat Azzopardi** (fol 167) ikkonferma li kien wieħed mill-persuni fuq il-*yacht* ta' Agius meta marru Għawdex u l-attur kien magħhom. Ġie ntrodott ma' l-attur dakinhar iżda hu iktar kien qatta' ħin ma' l-Imħallef Agius li kienu ukoll fuq il-*yacht*. **L-Assistent Kummissarju Michael Cassar** qal li l-attur kien xi żmien sub altern tiegħu; kien jaf li l-Kummissarju Grech se jmexxi kontra l-attur bil-PSC (għax qallu Grech stess) iżda hu qatt ma kellu xi *misconduct* da parti ta' l-attur. Fuq il-*yacht* ta' Agius lill-attur ma bagħtux hu. Jaf li Agius huwa persuna hekk imsejjaħ dubjuż fis-sens li sa fejn jaf hu qatt ma kellu każijiet serji ħafna l-Qorti għalkemm il-Pulizija kellha għajnejh fuqu. Meta l-Kummissarju ntervista lill-attur hu kien preżenti għaliex talbu l-Kummissarju stess. L-attur ġie mitlub jirriżenja iżda ma sarx diskors dwar PSC. Aktar tard il-konvenuti esebew il-fedina penali ta' Agius minn fejn jirriżulta li fil-fatt dan kien instab ħati anke ta' serq mill-Qorti Kriminali.

Huwa ċar li l-attur qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 billi jattakka għemil amministrattiv tal-konvenuti. Dan l-artikolu jiddikjara li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni biex jiddikjaraw null, invalidu u bla effett meta (fost affarijiet oħra) l-għemil amministrattiv jikser il-kostituzzjoni {sub-inċiż 1(a)} jew ikun *ultra vires* għaliex l-awtorita' pubblika konċernata tkun naqset li tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-għemil amminsitrattiv in kwistjoni {sub-inċiż 2 (b ii)}jew l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' kompetenti billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa u imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti {sub-inċiż 2 (b iii)}.

Jirriżulta l-impjieg ta' l-attur ġie mitmum mill-Prim Ministru ddeċieda li jtemm dan l-impjieg fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-servizz pubbliku. Jidher ben ċar mill-provi li din il-Kummissjoni ħadet il-parir ta' l-allura Kummissarju tal-Pulizija u ddeċidiet li l-attur ma kienx għadu denju li jservi fil-korp mingħajr lanqas biss informat lill-istess attur b'dawn il-proċeduri u wisq inqas tatu opportunita' li jiddefendi ruħu. Huwa minnu li kif qed jeċċepixxu l-konvenuti li l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi l-fatt jekk il-Kummissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni *ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti.* Madankollu l-Qrati tagħna ġia' kellhom okkażjoni jesprimu ruħhom li dan ma japplikax fejn jiġi allegat illi l-Kummissjoni tkun kisret id-drittijiet fundamentali tal-bniedem **(Perit Vincent Galea vs Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku – Appell - Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985).** Dakinhar il-Qorti argumentat u bir-ragun li kieku l-Qorti ma għandha ebda poter tissindaka tali allegazzjoni dan ikun ifisser illi fir-rigward ta' l-impjegati fis-servizz pubbliku l-artikoli rilevanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem setgħu ma sarux u l-Kostituzzjoni setgħet mill-ewwel qalet li dawn l-artikoli ma japplikawx fejn jidħlu dawn l-impjegati – *l-argument bażilari huwa fil-fehma tal-Qorti li jekk wieħed ikollu jaċċetta li d-deċiżjoni tal-P.S.C mhi qatt soġġetta għall-iskrutinju tal-Qorti jammonta għal asserzjoni li għall-P.S.C il-Kostituzzjoni tibda fl-artikolu 112 u tispiċċa fl-artikolu 118. … hu ċar li dak li ma jistax jiġi skrutinat huwa l-eserċizzju tal-P.S.C tal-funzjonijiet tagħha mogħtija lilha bil-Kap X tal-Kostituzzjoni…* Naturalment dan mhux il-każ u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem japplikaw għal kulħadd u għal kulħadd l-istess.

Wieħed minn dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa dak li jkollu smiegħ xieraq minn Tribunal imparzjali u dan isib ruħu f'forma oħra fil-principju *audi alteram partem* fis-sens li wieħed ma jistax jimmaġina smiegħ xieraq mingħajr l-opportunita' li jsemma leħnu f'dawk il-proċeduri. Dan huwa wieħed mill-prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali u l-Qorti ma taqbilx li dan il-prinċipju mhux ta' applikabilita' assoluta kif dehrilhom il-konvenuti. *The*

*principle that no one should be condemned or deprived of his rigħts without being heard, and above all without having received notice that his rigħts would be put to stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all the bodies called upon to render a decision that migħt have the effect of annulling a rigħt possessed by an individual.* **(L' Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec – 1953** riportat fil-manwal **The Application of the European Convention Human Rigħts – J E S Fawcett** pagna 148).

Prattikament il-Qorti tista' tieqaf hawn għaliex huwa ċar li l-ħolqa prinċipali illi wasslet għat-tneħħija ta' l-attur mill-korp tal-Pulizija kienet nieqsa għal kollox u dan independentement x'kienu r-raġunijiet li setgħu wasslu għal dan. Madankollu billi jidher ukoll mill-ittra msemmija li l-Kummissjoni waslet għal konklużjoni tagħha a bażi ta' l-artikolu 11 (iii) tal-Ordinanza dwar il-Pulizija jew il-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti se tagħmel ukoll approfondiment fir-rigward. Din il-liġi ġiet kompletament mibdula minn dak iż-żmien u l-artikolu in kwistjoni *piu' o meno* sar l-artikolu 18. Naturalment il-Qorti trid tara kif kien l-artikolu 11 fiż-żmien in kwistjoni billi dan huwa dak applikabbli għall-partijiet.

L-artikolu 11 imsemmi kien jgħid hekk:

*"Il-Prim Ministru jkun jista' ineħħi mill-kariga tiegħu f'kull żmien uffiċjal tal-Pulizija li –*

*i. Ikun meqjus li aktarx ma jsirx jew waqaf milli jkun uffiċjal effiċjenti tal-Pulizija;*

*ii. Ma jkunx jista' jew minħabba f'xi mard tal-moħħ jew tal-ġisem jaqdi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu meta dak il-mard aktarx ikun permanenti; u*

*iii. Ikun meqjus wara li jittieħed kont tal-kondizzjonijiet tal-Korp u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ma jkunx għadu fl-interess pubbliku jibqa' jservi aktar bħala membru tal-korp.*

Għandu wkoll jingħad illi l-ittra li biha l-attur ġie nformat li tkeċċa tagħmel referenza għall-artikolu 28 ta' l-istess Kap. 164 u dan jgħid illi:

*"Bla ħsara għal kull delega ta' setgħat kif imsemmija fl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 10 (barra s-sub-artikolu 3) u 11 ta' din l-Ordinanza, il-Prim Ministru għandu jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-servizz pubbliku".*

Dan għalhekk ifisser li anke fl-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lilu fl-artikolu 11 (li ġie wżat fir-rigward ta' l-attur) il-Prim Ministru jaġixxi (kif aġixxa f'dan il-każ) dejjem fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-istess Kummissjoni msemmija, u għalhekk jekk dik il-Kummissjoni tikser (kif palesament għamlet f'dan il-każ) wieħed mid-dettami tal-ġustizzja naturali dik il-miżura meħuda fuq dik ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi dikjarata nulla. Dan independentement mill-fatt jekk is-sub-inċiż (iii) fuq indikat jista' jiġi applikat waħda jew inkella bilfors flimkien ma' dak preċedenti; il-Qorti għal kull *buon fini* jidhrilha li l-kelma u mhix qegħda għalxejn u għalhekk anke hawn il-mod kif ġiet imfassla l-ittra ta' tkeċċija jwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni aġixxiet *ultra vires* għaliex ma setgħetx tibbaża t-tkeċċija tagħha fuq dak is-sub- inċiż waħdu. Madankollu in vista ta' dak li ġia' ingħad qabel dan il-punt ma jibqax daqshekk rilevanti.

Il-Qorti pero' naturalment mhux se tindaga dwar jekk effettivament il-Kummissjoni jew il-Prim Ministru kellux raġunjiet biżżejjed biex itemm l-impjieg ta' l-attur għaliex **din** hija materja li bil-liġi hija riservata għall-istess Kummissjoni illi mbagħad tagħmel id-debiti rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru. Hawnhekk il-Qorti ma tistax tissostitwixxi ruħha għal dak li l-Kostituzzjoni taffida lill-Kummissjoni.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u terġa' tpoggi lill-attur fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001 u f'dan is-sens tilqa' t-talbiet kollha tiegħu u tiddikjara null, invalidu u mingħajr effett l-għemil tal-konvenuti meta neħħewh minn membru tal-Korp tal-Pulizija; tordna lill-konvenuti jerġgħu jpoġġuh fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001, u għalhekk fl-istess grad fil-korp li kellu qabel dakinhar u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni jekk huwa sofra tali danni.**

L-ispejjeż tal-kawza jitħallsu mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------